# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 571/2003 JVC**

**Sylvia Enriquez**

**vs**

**Francis Enriquez u Michael u Vivienne, konjugi Enriquez**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn l-attrici Sylvia Enriquez ikkonfermaw bil-gurament u talbet kif isegwi:

Billi l-attrici hija separata mill-konvenut zewgha Francis Enriquez b'sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla moghtija fit-18 ta' Ottubru 2000 (Dok. "A");

Billi l-konvenut Michael Enriquez huwa hu r-ragel taghha;

Billi l-appartament bl-isem "Charnett", numru sitta (6), Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, ghalkemm gie formalment mixtri mill-konvenuti Michael u Vivienne mizzewgin Enriquez minghand Philip u Francesca Saveria Bigeni permezz ta' kuntratt notarili tat-13 ta' April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami (Dok. "B"), fil-fatt gie mixtri u akkwistat mill-konvenut zewgha Francis Enriquez u dan qabel ma giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u l-istanti li sehhet b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000;

Billi l-attrici ghandha sehem minn dan il-fond, illi kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut zewgha Francis Enriquez izda li ma giex hekk inkluz minhabba f'qerq mahsub mill-konvenuti;

Billi l-konvenut Francis Enriquez cahhad ukoll lil martu l-attrici minn sehemha minn speedboat u minn van Astra mixtrija minnu, u in oltre issotratta l-garage 'Sunlord' fi Triq San Gorg, Hal-Ghaxaq, kif ukoll l-ghodda u magni ta' go fih, sabiex jeludi d-drittijiet ta' martu l-attrici;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici ghandha sehem mill-appartament bl-isem "Charnett", numru sitta (6), Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, u dana ghar-raguni illi dan il-fond kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut zewgha Francis

Enriquez izda li ma giex hekk inkluz minhabba f'qerq mahsub mill-konvenuti kollha bl-eccezzjoni tan-nisa tal-konvenuti;

2. Tillikwida sehem l-attrici minn dan l-appartament li kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Tikkundanna lilll-konvenuti jew min minnhom *in solidum* bejniethom biex ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut Francis Enriquez cahhad ukoll lil martu l-attrici minn sehemha minn speedboat u minn van Astra mixtrija minnu, u inoltre issottratta l-garage 'Sunlord' fi Triq San Gorg, Hal-Ghaxaq, kif ukoll l-ghodda u l-magni ta' go fih, sabiex jeludi d-drittijiet ta' martu l-attrici;

5. Tillikwida sehem l-attrici li kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom *in solidum* bejniethom biex ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax skond il-ligi.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet fejn il-konvenuti Francis Enriquez et eccepixxu bir-rispett:

1. Preliminarjament, l-attrici ghandha tipprezenta s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-18 t' Ottubru, 2000 li tirreferi ghaliha bhala Dok. 'A' mac-citazzjoni promotrici u l-kuntratt tat-13 t'April, 2000 li tirreferi ghalih bhala Dok. 'B' mac-citazzjoni promotrici illi izda hija naqset milli tipprezenta;

2. Preliminarjament ukoll, l-attrici ghandha tipprova l-interess guridiku taghha;

3. Preliminarjament ukoll, ghal dak li jirrigwarda r-raba', il-hames u s-sitt talbiet attrici, dawn it-talbiet ma jistghux jigu kkunsidrati minn din l-Onorabbli Qorti stante illi huma '*res judicata*';

4. Illi l-azzjoni attrici hija wahda irrita u nulla stante illi l-attrici qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara illi hija ghandha sehem mill-appartament 'Charnett', 6, Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar minghajr ma tintenta timpunja l-kuntratt relattiv tat-13 t'April, 2000 fuq il-bazi (allegata) ta' simulazzjoni;

5. Illi t-talbiet attrici in kwantu jirreferu ghas-sotrazzjoni ta' ghodod u magni u ghal sehem minn 'speedboat' u 'vann Astra' minghajr ma nghataw ebda dettalji ta' dawn l-oggetti (bhal, ad ezempju n-numru ta' registrazzjoni taghhom) huma neboluzi u ghandhom jigu sommarjament respinti;

6. Illi t-talbiet kollha kif dedotti ma jaghmlu ebda stat fil-konfront tal-eccipjenti Michael u Vivienne, konjugi Enriquez illi kwindi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

7. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-appartament 'de quo agitur' verament inxtara mill-eccipjenti Michael u Vivienne, konjugi Enriquez u ma jappartjenix lill-eccipjent l-iehor Francis Enriquez, li jirrisjedi fih b'titolu ta' kera, filwaqt illi mhuwiex minnu illi l-eccipjent Francis Enriquez cahhad lill-attrici minn 'speed boat' u 'vann astra' u minn ghodda u magni, kif allegat;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti Francis Enriquez et li jesponu bir-rispett u Francis Enriquez bil-gurament ikkonferma:

1. Illi l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn l-esponent Francis Enriquez u l-attrici diga giet determinata b'mod definittiv b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-18 t'Ottubru, 2000 fil-kawza tas-separazzjoni gudizzjarja bejniethom;

2. Illi mhuwiex minnu illi l-esponent Francis Enriquez 'issottratta' xi ghodod u magni minn gol-'garage' 'Sunlord' fi Triq San Gorg, Ghaxaq sabiex "jeludi d-drittijiet ta' martu l-attrici";

3. Illi l-appartament 'Charnett', 6, Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar realment inxtara u gie akkwistat mill-esponenti Michael u Vivienne, konjugi Enriquez u mhux mill-esponent l-iehor Francis Enriquez;

4. Illi l-esponent Michael u Vivienne, konjugi Enriquez huma ghal kollox estraneji ghat-talbiet attrici kif dedotti;

5. Illi l-esponent Francis Enriquez jirrisjedi fl-imsemmi fond b'titolu ta' kera u jhallas retta ta' kera mensili lill-esponenti l-ohra Michael u Vivienne, konjugi Enriquez.

Rat l-affidavits, xiehda, ritratti, kuntratti, ricevuti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 4 ta' Ottubru, 2004 a fol. 108 tal-process li permezz tieghu l-kawza ntbghatet sabiex tinstema' mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

Rat id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 2 ta' Novembru, 2006 a fol. 137 u fol. 138 li permezz tieghu l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ordnat li l-atti tal-kawza jergghu jigu rimessi lil din il-Qorti Civili Prim'Awla kif diversament preseduta sabiex tinvesti u tiddeciedi l-kwistjoni dwar il-proprjeta' tal-fondi, l-appartament u l-garage, u l-oggetti mobbli;

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju, 2018 a fol. 422 fejn il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub b'termini mposti fuqhom;

Rat illi l-ebda parti ma pprezentat nota ta' sottomissjonijiet taghha u li d-difensuri tal-partijiet prosegwew ghat-trattazzjoni;

Rat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li giet registrata u traskritta fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-31 ta' Ottubru, 2019 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Sintesi tal-provi:</u>**

**L-attrici Sylvia Enriquez**

L-attrici Sylvia Enriquez xehdet fl-ewwel lok bil-procedura tal-affidavit fejn tghid li hija sseparat minn mar-ragel taghha Francis Enriquez b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 18 ta' Ottubru, 2000. Hija kellha tiftah il-kawza odjerna peress li rrizulta li r-ragel taghha xtara appartament bin-numru 6, 'Charnett Flats' fi Triq Ananija, San Pawl il-Bahar sitt xhur qabel ma nghatat is-sentenza ta' separazzjoni u poggieh fuq isem huh Michael Enriquez biex b'hekk l-appartament ma dahalx fil-komunjoni tal-akkwisti u ma nqasamx.

Tixhed li l-informazzjoni li gejja saret tafha minghand Vivienne Enriquez li tigi l-mara ta' hu Francis Enriquez (Michael Enriquez). Il-kuntratt sar f'April, 2000 u s-sentenza nghatat xhur wara fit-18 ta' Ottubru, 2000. Zewgha Francis Enriquez akkwista l-appartament minghand wiehed certu Bigeni minn Ghawdex u tghid li hija kienet cemplet lis-Sur Bigeni biex tikseb aktar informazzjoni. Bigeni kien infurmaha li l-appartament bin-numru 6 kien ta' Francis Enriquez u staqsietu jekk ghandux xi flat iehor ghal bejgh. Tghid li huwa wegibha fl-affermattiv u meta saqsietu kif tista taghmel biex tmur tarah, Bigeni kien wegibha li ghandu wiehed mill-Mosta bit-taxi li jista jmur jurihula jew inkella tmur u ccempel fuq l-appartament

bin-numru 6 u kien hemm wiehed li joqghod fih is-sena kollha li setgha jurihula.

Tkompli tixhed li fl-14 ta' Gunju, 2002 kienet giet ohtha mill-Awstralja. Regghet cemplet lil Bigeni u saqsietu jekk ghandux xi appartament ghal bejgh fejn huwa wiegeb fl-affermattiv u kienet kellmitu direttament ohtha fejn kien infurmaha li kellu appartamenti f'San Pawl il-Bahar b'zewg kmamar jew bi tlett kmamar tas-sodda. Tghid li ghal appartament ta' zewg kmamar tas-sodda kien talabha Lm16,000 u hija kienet infurmatu li Frans Enriquez kien xtrah Lm13,000. Huwa wiegeb li kienu ghaddew tlett snin jew erba' snin u ghalhekk trid tikkalkula l-imghaxijiet. Huwa kien ukoll infurmaha li jekk tiehu l-appartament trid thallas 10% tal-ammont u trid thalli prokura ma' ohtha u l-kumplament jithallas. Bigeni kien taha n-numru tal-mobile tieghu kif ukoll dak ta' Frans Enriquez. Staqsietu jekk jintlahaq ftehim il-kuntratt isirx fejn ghamlu Francis Enriquez u huwa kien wiegeb li jekk trid hemm Nutar Ghawdex li ma tantx jiehu flus. B'hekk Bigeni kien ikkonferma dak li kienet tghidilha Vivienne u cioe' li l-appartament kien ta' Francis Enriquez. Tghid li l-intimata Vivienne kienet qaltilha wkoll li hija ma riditx tidhol f'dawn l-affarijiet li l-appartament jinxtara minnhom u li Francis kien qallha li la jmut il-flat jigi taghhom. Qaltilha wkoll li darba r-ragel taghha Michael hadha minghajr ma kienet taf ghand in-Nutar u kellha tiffirmha ghaliex bezghet minnu. Meta kienet iccemplilha kienet tghidilha li jekk jidhol ir-ragel b'referenza ghal Michael Enriquez hija kienet ser taqta' t-telephone. Kienet tibza' peress li r-ragel taghha kien jahdem mal-Maltacom hu kien jghidilha li kien isir jaf lil min cemplet. Vivienne kienet qaltilha wkoll li ghal kuntratt kien hemm prezenti hi u r-ragel taghha Michael Enriquez, is-Sur Bigeni u s-Sinjura Bigeni u l-konvenut Francis Enriquez.

L-attrici tkompli tixhed li kien hemm okkazjonijiet li t-telephone gieli qabduh it-tfal u Vivienne kienet tghidilhom li trid tkellem lilha. Tghid ukoll li kienet marret ghand in-Nutar Ann Fenech Adami u talbitha kopja tal-kuntratt tal-flat ta' Francis Enriquez u n-Nutara ma kinitx qaltilha li l-appartament mhux ta' Francis Enriquez. Tkompli li s-sentenza ta' separazzjoni kienet inqatghet li r-ragel taghha Francis Enriquez kellu zmien 30 gurnata biex jivvaka mid-dar filwaqt li hija kellha zmien sentejn. Is-sentejn ghaddew u hija u bintha Chantelle m'ghandhomx fejn imorru jghixu filwaqt li r-ragel taghha ghandu appartament li xtara minn wara dahrha. Izzid li ghal dawn ir-ragunijiet hija ghamlet din il-kawza sabiex jigi ddikjarat li l-appartament bin-numru 6, 'Charnett Flats' fi Triq Ananija, San Pawl il-Bahar kellu jigi nkluz fil-komunjoni tal-akkwisti u ma giex inkluz b'qerq mill-konvenuti. Sehmha mill-appartament kellu jigi likwidat mill-Qorti u l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu dan is-sehem.

Izzid tghid ukoll li zewgha cahhadha wkoll minn sehmha minn speedboat u minn van Astra kif ukoll heba l-garage Sunlord, Triq San Gorg, Hal Ghaxaq u l-ghodda u l-magni ta' go fih. Dan sar biex id-drittijiet taghha jigu eluzi u fil-fatt dan ghamlu wkoll fuq isem huh Michael Enriquez.

**Riprodotta l-attrici Sylvia Enriquez** tkompli tixhed li Vivienne Enriquez f'konversazzjoni telefonika kienet qaltilha li l-appartament kien xtrah Lm13,000 pero' kien nizzlu bil-prezz ta' Lm7,000 minhabba l-bolol. Il-flus li kellu tal-bank nehhihom u kien tahom lilhom u lil huh l-iehor Charlie sabiex izommuhomlu. Tghid li Vivienne kompliet tghidilha li l-konvenut Francis Enriquez kien imur u jiehu l-flus sabiex ihallas daqqa ghal haga u daqqa ghal ohra. Tghid li Vivienne kompliet tghidilha li ma riditx l-appartament fuqhom u zewgha beda jirrabja maghha u hija kienet infurmata li

hija kellha tmur tiffirma u Vivienne ma kinitx taf li trid tmur tiffirma u qaltilha li ma riditx ghaliex Sylvia kellha t-tfal. Ghadda z-zmien u kienet regghet cemplitilha u qaltilha li r-ragel Michael Enriquez dahak biha u kellha tmur bilfors tiffirma ghaliex rrabja maghha u qallha 'ara ma ttellifulix'. Cemplitilha darba ohra u qaltilha li marru jarawh u spjegatilha minn fejn ghaddew sabiex waslu ghal appartament. Tghid li t-tifla haditha u sabuh u raw il-karozza pparkjata quddiem il-flat. Kien hemm in-numru ta' sid il-flat u hija haditu biex iccempillu. Izzid li m'huwiex fair li l-konvenut ragel taghha Francis Enriquez ghamel l-appartament fuq huh meta hija ghandha erbat itfal u li dan kollu huwa ingann. Hija esebiet xi ritratti tal-faccata tal-appartament a fol. 89 sa fol. 92 tal-process. Izzid li Vivianne kienet qaltilha wkoll li l-faccata tal-appartamenti kien ghamilha l-konvenut Francis Enriquez stess a spejjez tieghu fuq ftehim mas-sid u kienu ghenuh hutu fit-tlestija taghha. Esebiet ukoll ritratt tal-caravan li r-ragel taghha kien sostna li biegh qabel is-separazzjoni li pero' m'huwiex veru peress li ghadu ghandu sallum u ghadu juzah Bahar ic-Caghaq. Xehdet ukoll li l-ispeed boat kien qal li bieghha waqt il-kawza tas-separazzjoni madanakollu fil-kawza kienet ghadha ghandu.

Tixhed li f'okkazjoni minnhom it-tifla taghha Catherine kienet qabdet it-telephone waqt li kienet qieghda tkellem lil Vivianne u semghet kollox. Fir-rigward tal-ghodda tghid li meta kien mar il-marixxal tal-Qorti fil-mori tas-separazzjoni bil-mandat kien tefalu karta peress li ma kienx sabu hemm u ghalhekk il-konvenut kien ha l-prekawzjonijiet kollha u hareg kollox il-barra. Fuq il-van Astra ssostni li din kienet tidher fuq isem Francis Enriquez u wara rranga u ghamilha fuq huh Mario fil-mori tas-separazzjoni. Infatti tixhed li lit-tifla Catherine kien qalilha quddiemha li kien ser itihula. Tindika li bhala ghodda kien hemm magni tal-gebel li kien ibieghhom Lm900-il wahda. Minn dawn ukoll hija ma haditx sehmha.

Rat ukoll ix-xiehda tal-attrici a fol. 327 et seq tal-process fejn l-istess attrici ssostni li hija kienet taf bl-appartament qabel ma nqatghet il-kawza ta' separazzjoni. Dan ikkonfermatu diversi drabi f'din ix-xiehda.

**Emanuela Micallef – oht l-attrici**

Tixhed li hija tghix gewwa l-Awstralja pero' tixtieq li jkollha dar ohra gewwa hawn Malta u ghalhekk ohta Sylvia Enriquez issuggeritilha sabiex tixtri post fejn zewgha Francis. Ohtha Sylvia qabbdita ma' xi hadd bit-telephone ma certu P. Bigeni u wara kellmitu hi personalment. Tghid li Bigeni ddeskrivilha l-postijiet li kellu f'San Pawl il-Bahar pero' ma qablux fuq il-prezz u kien ghalhekk li hija fakkritu fil-post li kien xtara Francis Enriquez. Huwa kien infurmaha li l-fond kien xtrah Lm 13,000 u li kien ilu li xtrah xi tlieta jew erba' snin qabel. Bigeni kien kompla li jekk tiehu appartament bhal ta' Francis hija kellha thallas l-ammont ta' Lm16,000 u jekk riditu mkahhal b'kollox il-prezz kien ta' Lm18,000 u mal-konvenju kellha thallas 10% tal-prezz bhala depozitu u thalli prokura favur ohtha Sylvia sabiex tidher hi a nom taghha. Infurmaha wkoll li jekk taghmel il-kuntratt gewwa Ghawdex il-kuntratt kien jigi irhas ghaliex Francis kien ghamlu ghand in-Nutar Ann Fenech Adami.

Izzid tghid li Bigeni kien ukoll issuggerixxa li Francis Enriquez kien lest li jiehu x-xoghol tat-tkahhil. Kien sahansitra ta t-telephone number ta' Francis u n-numru tal-mobile tieghu. Tghid li f'ebda mument ma kien qalilha li l-appartament li fih jghix Francis Enriquez ma kienx tieghu stess.

**Vivianne Enriquez – il-konvenuta u mara ta' Michael Enriquez**

Mistoqsija jekk tiftakarx li kienet xehdet quddiem l-Avukat Dr Joseph Mifsud tghid li ma tiftakarx min kien l-avukat pero' taf li tkellmet. Fir-rigward tal-appartament tixhed li Francis Enriquez ried jixtri appartament u meta ghamel il-konvenju ma kellux bizzejjed flus ghad-depozitu u ghalhekk kienu sellfuh huma. Tghid li meta ghadda z-zmien tal-konvenju Francis ma kellux flus peress li d-dar matrimonjali kienet ghadha ma nbieghetx u s-sid ried ibiegh. Ir-ragel taghha li jigi hu Fracis Enriquez mar fuqha u kien qalilha li jkun ahjar jekk jixtruh huma l-appartament halli ma jintilifx d-depozitu li kienu sellfuh huma stess u ghalhekk xtrawh huma.

Mistoqsija jekk lil Sylvia cemplitiliex xi drabi baxx baxx tghid li lil Sylvia gieli cemplitilha normali u r-ragel kien ikun jew fuq jew barra. Qatt ma qalet lil Sylvia biex it-telefonata zzomma sigrieta. Il-flat xtrawh huma u krewh bl-ghamara lil Francis bil-prezz ta' Lm70 fix-xahar. Fir-rigward min sellef il-flus lil Francis tghid li huma sellfulu l-flus u ma tiftakarx kemm tawh bhala ammont. Il-flus ghad-depozitu kien harighom ir-ragel taghha Michael u anki l-kumplament tal-prezz tal-appartament harighom ir-ragel taghha Michael. Izzid li l-appartament mhux mal-ewwel inkera lill-Francis. Tghid li jista jkun li Francis ghamel xi xoghol fl-appartament. Ma tiftakarx jekk Francis kellux direttament jew indirettament x'jaqsam mal-fond f'xi mument tghid li ma tiftakarx. Tixhed li l-flus izommhom ir-ragel taghha u halliet f'idejn ir-ragel fir-rigward tal-ghamara tal-appartament. Tiftakar li l-konvenju kien ghamlu Francis pero' ma tiftakarx ma' min kien ghamlu. Tghid li ghal kuntratt hija marret normali u prezenti kien hemm ir-ragel taghha, hi, Francis Enriquez, in-Nutar u s-sidien tal-post. Tixhed li l-idea tal-kiri kienet bejn ir-ragel taghha u Francis. Ma tiftakarx jekk ghall-konvenju kinitx prezenti. Tikkonferma li Francis Enriquez ghadu

jghix fl-appartament.. Mistoqsija jekk meta cemplet lil Sylvia Enriquez kienx hemm drabi fejn qabdu t-telephone t-tfal u staqsiethom biex tkellem lill-ommhom twiegeb li le u tikkonferma li kull darba li cemplet dejjem irrispondiet Sylvia.

**Riprodotta mill-attrici fejn sar konfront mal-attrici** – Tghid li fl-appartment joqghod Francis Enriquez. Tghid li l-appartament huwa taghha u tar-ragel taghha Michael Enriquez.

**Michael Enriquez – il-konvenut u hu Francis Enriquez**

Jixhed li huwa jaf lil Sylvia Enriquez pero' ma jiftakarx f'liema sena nqala' l-inkwiet bejn il-konjugi Enriquez. Jghid li huwa kien jaf li huh ghamel konvenju fuq l-appartament pero' ma wasalx fil-flus u selliflu l-flus hu. Il-flus kien sellifhomlu ghal konvenju u mhux ghal kuntratt u ghalhekk kien xtrah hu l-appartament biex ma jintilfux il-flus tad-depozitu u peress li l-post ta' Francis kien ghadu ma nbieghx. Meta tlesta l-appartament huh dahal joqghod fih b'kera. Lis-Sur Bigeni jafu peress li mieghu kien ghamel il-kuntratt. L-ewwel kien kellmu huh Francis u wara kien infurmah li kien sejjer jixtrih hu biex ma jintilifx il-flus tal-konvenju u kien qallu li ma jimpurtax. Huwa ma jafx kemm hallas bhala depozitu Francis fuq il-konvenju. Huwa hallas fuq il-kumplament fuq il-kuntratt pero' ma jafx kemm kien l-ammont pero' hallas kontanti u kien gibed xi flus mill-bank. M'ghandux idea kemm kien gibed flus mill-bank.

**Francis Enriquez – konvenut u r-ragel tal-attrici**

Jixhed li ma jiftakarx meta beda jikri l-appartament pero' ghandu l-ktieb tal-kera. L-appartament kien imkahhal u mizbugh lest meta kera pero' l-ghamara ma kinitx hemm kollha ghaliex l-bank tal-kcina kien minghajr wicc u beda jaghmel kollox bil-mod. Jixhed li

huh qabbad xi haddiema biex jahdmu fil-post. Jixhed li huwa kellu l-intenzjoni li jixtri l-fond in kwistjoni biex ikollu fejn joqghod pero' kien intervjena huh biex jixtrih u dana peress li huwa kien ser jixtrih bil-flus tal-fond tal-komunjoni ta' l-akkwisti pero' s-separazzjoni hadet il-kors taghha u damet u ghalhekk ma lahaqx ha l-flus. Biex anke ma jintilifx id-depozitu kien xtrah huh. Il-konvenju kien sar ghand in-Nutar Ann Fenech Adami pero' ma jafx kienx inghata kopja tal-konvenju. Ma kienx cert kemm kien l-ammont tad-depozitu jekk hux Lm300 jew Lm 400. Ma jiftakarx il-konvenju kemm sar qabel l-att finali pero jghid li mhux sena qabel. Jghid li kien huh Michael li qabbad in-nies u ghamlulu t-twieqi u l-affarijiet l-ohra. Charlie Zammit kien iqatta' l-injam u gew mahduma ghand wiehed il-Handaq.

Ikompli jixhed li l-ispeed boat kien ghamilha hu bil-forma tal-windsor u bieghha lil certu George Galea b'cucata. Ma jiftakarx jekk fis-separazzjoni l-ispeedboat gietx imsemmija. Fir-rigward tal-van Astra jghid li huh kien xtralu l-van peress li l-Land Rover tieghu kienet spiccuta. Jghid li l-van kienet fi stat hazin u ma jidirlux li maqbud b'xi mandat ghaliex huwa kien jigri bih fit-triq u kienu kien maqbud ma kienx jigri bih fit-triq. Fir-rigward tal-garaxx jghid li dan kien mikri lilu u kien ihallas kera ta' Lm150 fis-sena u fih kien joqghod jilghab fejn kien jaghmel passatemp u mhux xoghol. Jghid li huwa kien jahdem id-dockyard u kollox kien jaghmel. Gieli kien imur xi hadd fejnu u kien jaghmillu xi haga kemm igib xi haga tal-kera. Gie mistoqsi rigward biljett (visiting card li gie esebit) relatat ma' xoghol ta' ankri, rollers, siderollers, trailers u jghid li dak kien tieghu u r-ragel tat-tifla kien ghamilhomlu. Il-biljett ma kienx iqassmu, ma kienx izommhom fuqu pero' kienu d-dar go kexxun. Jichad li kien iqassam minnhom Ta'Xbiex. Jghid li ghamel xi rollers pero' taghhom lil hutu b'xejn. Jikkonferma li joqghod fl-

appartament in kwistjoni bil-kera. Jghid li l-mara m'ghandiex sehem minn dan l-appartament peress li mhux tieghu.

**Pinu Bigeni – l-venditur tal-appartament**

Jixhed li huwa jaf lill-ahwa Michael u Francis Enriquez. Ikompli li ghandu kumpanija Philip Bigeni Limited stabbilita Ghawdex. F'Bugibba kellu blokka appartamenti bl-isem ta' Charlotte Court u meta lesta l-blokka huwa kien ghamel plakka sabiex ibiegh l-appartamenti. L-ewwel darba kien Francis Enriquez li cempillu u kien qallu li mhajjar jixtri appartament shell. Kienu ltaqghu f'okkazjoni wahda. Sussegwentament kien reggha kellmu Francis u kien qallu li mhux ser jixtrih hu pero' kien imhajjar jixtrih huh u fil-fatt sar il-kuntratt ma' huh Michael Enriquez u s-Sinjura tieghu. Jixhed li ma jiftakarx jekk kienx sar konvenju ma' Francis. Il-kuntratt finali kien sar fit-13 ta' April, 2000 u ma jiftakarx jekk kienx sar konvenju peress li kien ikollu hafna kuntratti dak iz-zmien peress li kien jixtri u jbiegh. Ma jiftakarx kemm biegh l-appartament lil Michael Enriquez pero' hemm imnizzel fil-kuntratt. Jghid li normalment isir il-konvenju pero' kien hemm okkazjonijiet fejn sar mal-ewwel il-kuntratt finali. Pero' b'referenza ghal dan il-kaz ma jiftakarx jekk kienx sar konvenju jew le. Jixhed li ma jiftakarx ghandux kotba dwar il-flus li dahhal, jekk dahhalhomx f'darba jew tnejn. Jghid li dak bieghu shell form u allura ma jistax ikun li kien joqghod xi hadd fih qabel ma sar il-kuntratt finali. Ma jiftakarx fl-istorja kienx dahal xi hadd mill-Mosta bit-taxi. Jixhed li huwa l-ewwel kien urih lil Francis Enriquez u mbaghad urih lil Michael. Jghid li dan il-post kien inbiegh minnu personali u mhux mill-kumpanija. Mistoqsi jekk izommx kotba tan-negozju kif obbligat bil-ligi kummercjali – jwiegeb li bilfors jrid ikollu r-records minhabba kwistjonijiet ta' taxxa pero' jrid ifittex u jara ghandux.

**Riprodott mill-attrici** - Mistoqsi jekk kienx hemm min beda jaghmel ix-xoghlijiet minn qabel jghid li fl-istess blokka kien hemm min ghamel hekk pero' kien minn Ghawdex u min kien jahdem fil-fond huwa ma kienx jaf. Waqt ix-xiehda esebixxa d-dokumenti relatati mal-bejgh tal-istess fond fosthom kopja tal-kuntratt u estratt mill-'accounts' li juru l-bejgh tal-appartament fis-somma ta' Lm7,000.

**Catherine Micallef – bint l-attrici Sylvia Enriquez u l-konvenut Francis Enriquez**

Tixhed li hija bint Sylvia Enriquez u Francis Enriquez, mizzewga u ghandha zewgt itfal. Tghid li hija tiftakar li meta kienet zghira kienet ta' spiss tkun ma' missierha u gieli kien jistennija tohrog mill-quddies biex tmur mieghu l-garage. Meta kibret kienet tara lil missierha jiggieled ma' ommha ta' spiss u wara waslu ghas-separazzjoni. Tixhed li darba minnhom waqt glieda li kien hemm bejn il-genituri taghha missierha kien ghajjtilha u kien qalilha li xtara appartament gewwa San Pawl il-Bahar u li meta jlestih jiktibulha biex meta jmut tiehdu hi. Qalilha biex lil ommha ma tghidilha xejn u hi hekk ghamlet. Tixhed li kien hemm okkazjonijiet meta kienet tkun ghand ommha li kienet iccempel iz-zija Vivienne li tigi l-mara taz-ziju Michael hu missierha. Tixhed li hi kienet tkun fuq it-telephone ta' isfel u ommha fuq it-telephone ta' fuq u kienet tibqa' fuq il-linja u tisma' l-konversazzjoni. Tixhed li kienet semghet lil Vivienne tghid lil ommha li missierha kien xtara flat gebel u saqaf u xtrah Lm13,000 u kien qieghed jaghmel ix-xoghol hu. Qaltilha li kellu l-flus ghandhom u kien qieghed izommhomlu z-ziju Michael. Meta ommha Sylvia marret tghidilha hija nfurmata li kienet taf ghaliex missierha kien qallha li kien ser jixtri appartament u ma kinitx qaltilha biex ma joqghodux jiggieldu fuqu. Darba ohra regghet semghet konversazzjoni ohra fuq it-telephone u Vivienne

kienet qaltilha li missierha kien mar jigbor il-flus minghandhom biex iwahhal l-aluminium. Dan kienet tafu hija personalment.

Tixhed ukoll x'kienet qaltilha ommha u cioe' li Vivienne regghet cemplet u qaltilha li kien qieghed ihit il-purtieri ghand xi hadd minn Hal Ghaxaq pero' Vivienne ma kinitx taf l-appartament f'liema triq qieghed. Tghid li hija wkoll ma kinitx taf f'liema triq qieghed. Wara xi tlett snin Vivienne kienet regghet cemplet u informat lill-ommha li l-kcina kien hadimha missierha fil-garaxx u li kienu marru jaraw il-flat u Vivienne kienet spjegatilha minn fejn kienu ghaddew sabiex waslu fejn hu. Tghid li kienu marru jfittxu fejn jinsab dan l-appartament u kien ezatt kif spjegat Vivienne fejn quddiem il-bieb tal-blokk appartamenti raw il-karozza Cortina ta' missierha. Mal-hajt tal-appartamenti kien hemm tabella b'isem is-sid tal-appartamenti u bit-telephone li kitbuhom. Gimgha wara ommha regghet marret ma' ohtha Chantelle u regghew sabu l-karozza ta' missierhom.

Tixhed li sitt xhur qabel ma giet deciza s-separazzjoni Vivienne regghet cemplet u nfurmat lill-ommha li missierha ried jaghmel il-flat fuqhom u talabhom imorru mieghu ghand in-Nutar. Vivienne rrifjutat u qaltlu li kellu erbat itfal fuq min jaghmlu l-flat u qallhom li jekk imut hu l-flat jibqa taghhom. Izda Vivienne kompliet li darba r-ragel taghha Michael kien qalilha li sejrin dawra u hadha ghand in-Nutar u gieghla tiffirma ghax beda jidghi u jheddidha u kellha tiffirma ghax bezet minnu. Vivienne kienet qaltilha wkoll li missierha kien kera garage u kien dawwar il-kera fuq Michael biex ma tkunx tista terga tibghat lill-marixxal. Il-licenzja tal-Cortina kien ukoll dawwara fuq huh Mario Enriquez.  Taghlaq billi tghid li hija kienet cemplet lil missierha u qaltlu li messu jisthi ghandu erbat itfal u nizzel l-appartament fuq huh.

**Chantelle Enriquez bint l-attrici Sylvia Enriquez u l-konvenut Francis Enriquez**

Tixhed li hija bint Sylvia u Francis Enriquez u tigi z-zghira. Tixhed li taf li missierha ghandu appartament San Pawl il-Bahar u ilu ghandu ghal diversi snin. Saret taf b'dan ghaliex darba baqghet fuq il-linja meta z-zija Vivienne kienet cemplet biex tkellem lill-ommha u semghet il-konversazzjoni tghid li missierha kien lesta x-xoghol tal-appartament u li kien ser jaghmlu fuqhom u cioe' fuq Vivienne u huh Michael. Vivienne ma haditx pjacir ghaliex ma riditx tidhol f'inkwiet pero' Michael kien ghamel ghaliha u beda jghajjat maghha ghaliex wara li kien jigi nieqes Francis l-appartament kien ser jigi taghhom. Tixhed li Vivienne kienet qalet lil ommha li missierha kien jghidilha biex ifittxu jaghmlu l-appartament fuqhom ghaliex is-sentenza kienet ser tinqata daqt. F'konversazzjoni telefonika ohra Vivienne kienet qalet lill-ommha li l-appartament kien ghamlu fuqhom fejn kienu marru ghand in-Nutar u hi kellha tiffirma u qaltilha fejn kien qieghed l-appartament. Tixhed li hija u ommha kienu marru u sabu l-appartament fejn sabu l-karozza ta' missierha pparkjata hemm. Tixhed li meta kienet tmur San Pawl il-Bahar specjalment il-Hadd kienet ta spiss tara lill-missierha fil-gallerija ta' l-appartament kemm meta kien ghadu jghix fid-dar maghhom u kemm meta sseparaw. Kienu anke hadu xi ritratti minn barra tal-appartament li kienu jisimhom Charnet Flats. Darba kienet semghet lil ommha ccempel lil sid l-blokka tal-appartamenti u staqsietu jekk ghandux xi appartament ghal bejgh fejn kien irrispondiha f'affermattiv. Meta staqsietu kif ser taghmel biex tmur tarah huwa kien qallha biex tmur iccempel Flat 6 u ssaqsi ghal Francis Enriquez u titolbu juriha l-appartment ghaliex fih kellu l-ghodda tieghu u hemm aktar ikkonfermat li l-appartament huwa ta' missierha.

**Fiona Ciantar - bint l-attrici Sylvia Enriquez u l-konvenut Francis Enriquez**

Tixhed li hija t-tifla ta' Sylvia u Francis Enriquez, mizzewga u ghandha tifel. Hija saret taf li missierha ghandu appartament minghand ommha fejn tghid li darba kienet marret ghand ommha u sabitha inkwetata u qaltilha li kienet cemplitilha Vivienne Enriquez li tigi l-mara taz-ziju Michael u qaltilha li missierha kien xtara appartament gebel u saqaf bil-prezz ta' Lm 13,000 u kien qieghed ilestih. Xi zmien wara kienet regghet cemplitilha Vivienne u qaltilha li kien lesta xi affarijiet bhall-madum, dawl u ilma u affarijiet ohra. Vivienne ma kinitx taf fejn hu dan l-appartament u lanqas kienet ratu u missierha kien qieghed imur spiss jiehu l-flus minghandhom biex jixtri l-affarijiet ghall-appartament. Hu halla l-flus ghandhom biex ma jhallihomx il-bank.

Tixhed li kull meta kienet iccempel Vivienne lil ommha kienet dejjem tistaqsiha kif sejra l-kawza tas-separazzjoni. Vivienne kienet qalet lil ommha li missierha ried li l-appartament jaghmlu fuq isimhom u li Vivienne ma riditx u li kellha tiffirma. Kienet tatha hjiel fejn jinsab dan l-appartament u hi u ommha kienu marru jfittxu l-appartament u raw il-karozza ta' missierhom wara l-bieb tal-appartament. Tixhed li ommha kienet dejjem inkwetata ghaliex ma ghamlux fuq uliedu u ghaliex kien hemm sehem ommhom ghaliex l-appartament kien xtrah meta kienu ghandhom mizzewgin.

**Maria Chetcuti – oht l-konvenut Francis Enriquez**

Tixhed li hija tigi oht Francis Enriquez. Tghid li taf li l-appartament bin-numru 6, Charnet Flats, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar xtrah huha Michael Enriquez u dan tafu ghaliex qalilha xi hadd. Hi u r-

ragel kienu marru jaraw l-appartament pero' ma kienx hemm okkazjoni specjali. Min kien hareg ic-cavetta ma tafx u tghid li r-ragel biss kien hemm u kien hemm huha fil-post pero' peress li kien ilu xi disa' snin ma tiftakarx min kien hemm. Tiftakar li kien ragel u cioe' xi hadd minn hutha pero' ma tiftakarx min kien.

**Riprodotta** quddiem il-Qorti tixhed li Francis Enriquez jigi huha ikbar minnha. Tghid li f'appartament marret darba iktar minn ghaxar (10) snin qabel u l-appartament kien bl-ghamara. Tghid li l-appartament huwa ta' Michael Enriquez u meta marret flimkien mar-ragel hutha kienu gewwa u stedinhom huha Michael. Pero' ma tiftakarx min kien hemm pero' hija rat wiehed biss minn hutha u cioe' lil Michael. Ma tafx jekk huha Frans kienx hemm. Ma tafx min kien joqghod fil-flat. Tghid li qatt ma marret Hal Ghaxaq ghand huha Michael.

Il-Qorti tinnota izda li f'din ix-xhieda gie rilevat li x-xhud tbati minn problemi ta' sahha u mentali.

**<u>Kunsiderazzjonijiet fattwali u legali:</u>**

**<u>L-Ewwel eccezzjoni</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti gie eccepit li l-attrici ghandha tipprezenta kopja tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 18 ta' Ottubru, 2000 u l-kuntratt tat-13 ta' April, 2000 li referenza saret ghalihom mar-rikors promotur.

Jirrizulta mill-atti li kemm is-sentenza kif ukoll il-kuntratt gew esebiti mat-talba mressqa ghall-ghajnuna legali quddiem Dr Joseph Mifsud il-kuntratt a fol. 11 sa fol. 13 u s-sentenza a fol. 14 sa fol. 25

tal-process. Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess din l-eccezzjoni giet sorvolata.

**<u>It-tieni eccezzjoni – Interess Guridiku da parti tal-attrici</u>**

Illi l-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom eccepew preliminarjament illi l-attrici ghandha tipprova l-interess guridiku taghha. Issa fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Jannar, 1955 fl-ismijiet **Emmanuele Calleja -vs- Carmelo Grima et** inghad illi:

> 'Din l-azzjoni hija moghtija lill-kredituri f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b'qerq mid-debituri taghhom bi hsara ghad-drittijiet taghhom. Hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu.'

Inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza nhar il-15 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet **Marco Bongailas -vs- John Magri et** illi:

> 'il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 huma kjarament termini generici wzati fis-sens l-aktar generali u wiesgha tal-kelma biex jikkomprendu kull min kien dahal f`xi obbligazzjoni hi x`hini favur terzi. Hija biss rifless tal-principju bazilari tad-dritt li kull min jikkontratta ma` haddiehor kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu fil-massima buona fede. Kif sewwa jenuncjaw il-guristi rumani "pacta sunt servanda" u "fraus omnia corrumpit". Ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta` kreditu pekunjarju, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta` Novembru 1950 fil-kawza "Ciancio vs Buontempo" (Kollez. Vol. XXXIV.III.851) bidlet id-direzzjoni tal-gurisprudenza fis-sens illi tat ir-rimedju lil mara mizzewga li riedet timpunja att ta` zewgha.'

Intqal ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Ta' Frenc Real Estate Limited -vs- L-Avukat Dottor Chris Said noe et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri nhar it-8 ta' April, 2011 illi:

> 'Għal dak li jirrigwarda l-ewwel rekwizit, il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 m'għandhomx jigu nterpretati fis-sens restrittiv illi l-azzjoni pawljana tista' tigi ezercitata biss meta wieħed għandu jieħu u l-ieħor għandu jagħti flus biss, imma għandhom jigi meqjusa li jikkomprendu kull persuna li għandha xi jedd u kull persuna marbuta b'xi obbligazzjoni. Dan jirrizulta car mill-mod kif inhuma uzati l-kliem "kreditur" u "debitur" fis-subtitolu IV tat-titolu IV "Effetti ta` Obbligazzjonijiet" fejn huwa inkluz l-artikolu 1144, kif ukoll mill-principji tad-dritt ruman u l-principji enuncjati mill-qrati taljani li għalihom saret ampja referenza mill-Qorti ta` l-Appell ta` Malta fil-kawza Mifsud vs Cini tas-7 ta` Dicembru 1934 (kollez. vol. XXIX. i. 28) li rriteniet "illi l-kelmiet 'kreditur' u 'debitur' ta' l-artikolu 850 (illum 1144) għandhom jittieħdu fis-sens wiesa li jigu uzati fl-istess Titolu tal-Ligi fejn jinsab dak l-artikolu, u għalhekk għandhom jikkomprendu wkoll dak li jwiegħdu u għalhekk huma mizmuma mil-ligi li jixtru jew ibiegħu. Min iwiegħed li jbiegħ huwa debitur fis-sens li hu mizmum li jbiegħ dak li wiegħed, u fl-istess ħin kreditur illi min intrabat li jixtri għandu jixtri tassew, u fl-istess posizzjoni ta` kreditur u debitur, mutatis mutandis, jinsab dak li wiegħed u jintrabat li jixtri." Camoin vs Contini 13.11.1933.'

Jirrizulta mill-atti li bejn l-attrici u l-konvenut Francis Enriquez kien hemm kawza ta' separazzjoni personali bic-citazzjoni numru 1169/92 fl-ismijiet **Sylvia Enriquez pro et noe -vs- Francis Enriquez** li giet deciza fit-18 ta' Ottubru, 2000. Fil-kaz tallum l-attrici qieghda tilmenta li l-konvenut Francis Enriquez bil-qerq heba

oggetti mobbli u mmobbli mill-komunjoni tal-akkwisti fosthom li allegatament akkwista permezz ta' prestanome proprjeta' immobbli pendenti decizjoni fis-separazzjoni bil-konsegwenza li fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2000 bil-kosegwenza li s-sehem tal-attirici minn din il-proprjeta' ma giex likwidat fid-decizjoni ta' separazzjoni personali. Il-Qorti tqis li f'kaz li effettivament jirrizulta li l-attrici kellha sehem minn dawn l-oggetti mobbli jew immobbli qabel inghatat id-decizoni tas-separazzjoni u li dawn il-fatti verament gew mistura fil-mori allura dawn l-oggetti mobbli jew immobbli kellhom effettivament jigu nkluzi fil-komunjoni tal-akkwisti u fil-likwidazzjoni ta' dak lilha dovut allura l-interess guridiku taghha huwa evidenti. Ghaldaqstant, minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kaz odjern li qed jigi deciz aktar l' isfel, fil-fehma ta' din l-Qorti l-attrici Sylvia Enriquez ghandha l-interess guridiku mehtieg sabiex tintavola l-kawza odjerna stante li jekk jirrizultaw it-talbiet hija tikkwalifika bhala kreditrici tal-konvenut Francis Enriquez filwaqt li l-konvenuti l-ohra allegatament setghu kienu kompartecipi fl-ingann almenu f'dak li jirrigwarda l-appartament.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad ukoll din it-tieni eccezzjoni.

<u>**It-Tielet eccezzjoni - Res Judicata**</u>

Illi fit-tielet eccezzjoni taghhom l-konvenuti eccepew preliminarjament ir-*res judicata* fir-rigward tar-raba', il-hames u s-sitt talbiet attrici u dan stante li jsostnu li l-istess materja giet deciza bis-sentenza ta' separazzjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet Sylvia Enriquez pro et noe -vs- Francis Enriquez (ara sentenza a fol. 14 sa fol. 25 tal-process).

Illi r-raba' talba attrici tittratta l-allegazzjoni li l-konvenut Francis Enriquez cahhad lill-attrici Sylvia Enriquez mis-sehem taghha minn speedboat, van Astra u minn garage 'Sunlord' fi Triq San Gorg, Hal Ghaxaq li fih kien jinkludi wkoll l-ghodda u l-magni u dan bil-ghan li jilledi d-drittijiet taghha. Fil-hames u s-sitt talba gie mitlub il-likwidazzjoni ta' sehem l-attrici li kellu jigi nkluz fil-komunjoni tal-akkwisti minn dawn l-mobbli u l-konsegwenti hlas ta' sehemha mill-konvenuti kollha *in solidum*.

Illi dwar ir-res judicata s-sentenza fl-ismijiet **Dottor Jose Herrera noe -vs- Anthony Cassar et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru, 1992 gie ritenut illi:

> 'Illi l'"*exceptio rei judicatae",* ghandha bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll, ghaliex "*interest rei publicae ut sit finis litium*". Sentenza li ghaddiet "*in giudicato*" jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – "*res judicata pro veritate habetur*" – jigifieri l-fundament ta' l-"*actio*" u ta' l-"*exceptio judicati*" hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "*strictissimae interpretationis*". "*La cosa giudicata*" – kif fissret il-Corte di Cassazione ta' Palermo (3 ta' Marzu, 1898) "*deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argumenti piu o meno forzati, o da inesattezze affermate dal magistrato con poca ponderanza; e nel dubbio il giudice non deve propondere per la cosa giudicata (Ibid. Para. 1 nro. 4 "Casi Dubbi)(sic)*".

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Gerada -vs- Avukat Dr. Antonio Caruana** deciza nhar is-7 ta' Marzu, 1958 mill-Qorti tal-Appell illi:

> 'Intqal tajjeb illi "l'eccezione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu quando trattasi di escludere un diritto" (Coen, Cosa Giudicata (materia civile), no. 145). F'kaz bhal prezenti, fejn si tratta ta' incident processwali fil-kors tal-gudizzju, u fejn, kif jghid il-Chiovenda, ma jistax ikun hemm dak li jissejjah il-gudikat implicitu (cp. Cit. No. 118), jehtieg ghall-eccezzjoni tal-gudikat illi l-kwistjoni tkun giet "effettivament" deciza bis-sahha ta' qabel, u mhux biss li "setghet tigi deciza". Ga ntqal illi f'decizjoni simili ma hemmx "la vera decisione". Jghid il-Mattirolo:- "Sta soltanto nel dispositivo: onde è principio che la cosa giudicata risiede esclusivamente nella parte dispositiva della sentenza, non nei motivi" (Diritto Giudiziario Civile, Vol. V, 28); u d-dispozittiv tas-sentenzi precedenti, li ghalihom saret riferenza, meta wiehed jiehu kaz, kif ghandu, tal-oggett u tal-"causa" tal-incidenti processwali relativi, ma fih ebda decizjoni fuq il-kwistjoni nvoluta;'

Jirrizulta ghalhekk li biex jissussisti l-gudikat iridu jikkonkorru tlett (3) elementi u cioe' l-**eadem personae**, **eadem res** u l-**eadem causa petenti**. Fl-interpretazzjoni ta' dawn it-tlett (3) elementi moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Amelia Farrugia -vs- John Farrugia** deciza nhar is-16 ta' Jannar, 1996 inghad illi:

> 'Biex tintlaqa' l-eccezzjoni ta' res judicata hemm bzonn li jissussistu flimkien tlett elementi, cjoe eadem personae, eadem res, u eadem causa petendi; jigifieri s-sentenza ta' qabel tkun inghatat f'kawza bejn l-istess persuni, maghmula ghall-istess oggett, u fuq l-istess kawzali.

> Kien ritenut li hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess.
>
> Gudikat ghandu jkun rispettat minn kulhadd, u bir-rispett kollu dovut lill-Ewwel Onorabbli Qorti, s-sentenza appellata tippekka proprju ghaliex, prattikament injorat dan il-gudikat li ghalih irrifera l-konvenut fl-eccezzjoni tieghu.'

Jirrizulta li l-kawza 1169/92FD fl-ismijiet **Sylvia Enriquez pro et noe -vs- Francis Enriquez** deciza nhar it-18 ta' Ottubru, 2000 kienet titratta s-separazzjoni personali bejn l-attrici u l-konvenut Francis Enriquez. Fit-tielet talba attrici kien hemm mitlub lill-Qorti sabiex tiddikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut. Il-Qorti fuq din it-tielet talba kienet iddisponiet illi:

> 'Tilqa' it-Tielet Domanda billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjaraha li tikkonsisti fid-dar matrimonjali li ggib in-numru sbatax (17) fi Triq il-Parata f'Santa Venera u l-ghamara u l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess tal-kontendenti, u tiddividiha billi tassenja lill-attrici dak kollu li jinsab fid-dar matrimonjali hlief ghall-ilbies u l-oggetti personali tal-konvenuti li qed jigu lilu assenjati; dwar id-dar matrimonjali tordna li din tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei wara li jghaddu sentejn mid-data ta' din is-sentenza, u f'dan l-intervall l-attrici ghandu jkollha l-uzu esklussiv ta' l-istess dar u l-konvenut ghandu jhalli d-dar ghal kollox fi zmien tletin (30) gurnata millum; mir-rikavat ta' l-istess bejgh tal-fond matrimonjali l-attrici

ghandha tircievi s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) u l-bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; il-partijiet ghandhom izommu ghalihom dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghhom u dan kollu jkun per saldu ta' kull pretensjoni li huma jistghu jkollhom kontra xulxin jew kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti;'

**Eadem Personam**

Illi kif ravvizat fis-sentenza **Charles Grixti -vs- Salvino Schembri et** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' April, 1958 illi:

'Biex din l-eccezzjoni tista' tirnexxi hemm bzonn li jigi ezaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-gudikat, dak, jigifieri, jekk is-sentenza diga msemmija kienitx giet maqtugha f'kawza bejn l-istess partijiet li jidhru bhala kontendenti fil-kawza odjerna.'

Minn ezami tal-okkju taz-zewg kawzi, bla dubju jista jinghad li l-kawza precedenti kienet tinvolvi l-istess partijiet. Ghalhekk dan l-element jinsab sodisfatt.

**Eadem Res**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Lilian Mallia** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru, 1958 inghad illi:

'Kriterju razzjonali biex f'kull kaz jista' jinghad jekk u meta jkun hemm l-identita' ta' l-oggett bejn l-ewwel kawza disposta b'sentenza u t-tieni kawza opposta bl-eccezzjoni tal-gudikat hu, dak li wiehed jezamina jekk il-kwistjoni li tigi sollevata bit-tieni domanda gietx jew le deciza bil-gudikat

precedenti, fi kliem iehor, jekk il-punt li jigi diskuss fit-tieni kawza giex jew le gudikat bis-sentenza ta' qabel jew jekk dik l-ewwel sentenza hallietx dak il-punt impregudikat.'

Dan l-element jittratta l-identita' tal-oggett li qanqal iz-zewg kawzi. Il-kawza prezenti, tittratta l-likwidazzjoni u hlas ta' sehem l-attrici minn diversi oggetti mobbli u mmobbli li allegatament ma gewx inkluzi fid-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b'mod partikoluri l-ispeedboat, l-van Astra, l-garage Sunlord, fi Triq San Gorg Hal Ghaxaq, l-ghodda u magni. Il-kawza li fuqha qed tigi eccepita r-*res judicata*, kienet titratta s-separazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut Francis Enriquez b'wahda mit-talbiet titratta specifikatament ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Minn harsa lejn id-decizjoni tat-18 ta' Ottubru, 2000 huwa evidenti li l-istess allegazzjonijiet li qed jissemmew fir-raba', l-hames u s-sitt talbiet tal-kawza odjerna tqajjmu wkoll fil-kawza tas-separazzjoni li gia' giet deciza u ghaddew in gudikat. Inghad minn din il-Qorti kif diversament preseduta illi:

'Illi dwar it-talba relattiva ghad-divizjoni u assenjazzjoni tal-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti jidher **li saru bosta allegazzjonijiet relattivi ghal xi beni ohra barra mid-dar matrimonjali u dak li jinsab gewwa fiha u l-oggetti deskritti fil-mandati, li jirreferu ghal garaxx, karavan, karozza u flus li kienu depozitati fil-Mid-Med Bank ta' Bormla;** il-Qorti ezaminat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri tal-partijiet fil-fazi finali ta' dawn il-proceduri u semghet anke it-trattazzjonijiet ezawrenti taghhom u ghalhekk id-decizjoni taghha ser tkun ibbazata fuq dan kollu anki jekk ma ngibux provi konkreti dwar x'uhud minn dawn l-allegazzjonijiet;' (enfazi tal-Qorti)

Il-Qorti rat ukoll il-kopja tar-rapport tal-Perit Legali llum Prim Imhallef Dr Joseph Azzopardi esebit a fol. 351 et seq tal-process fejn ukoll bosta minn dawn l-oggetti jissemmew li kienu gia in kontestazzjoi bejniethom. Ghaldaqstant jirrizulta li dan l-element huwa wkoll sodisfatt.

**<u>Eadem Causa Petendi</u>**

Illi fuq dan l-element ta' eadem causa petendi inghad fil-kawza fl-ismijiet **Assunta Cassar -vs- Dr Carmelo Zammit noe** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' Marzu 1960 illi:

> '… kwantu ghall-identita' tal-kawzali (causa petendi) din hija l-origine della domanda … ossia l-obbligazzjoni li hija ghab-bazi ta' l-azzjoni.'

Illi fil-kaz prezenti l-origini tal-azzjoni huwa l-likwidazzjoni u l-hlas ta' sehem l-attrici mill-komunjoni tal-akkwisti minn oggetti mobbli u mmobbli li ma gewx inkluzi fil-komunjoni tal-akkwisti. Fil-kawza precedenti li a bazi taghha qieghda tigi eccepita r-*res judicata*, parti mill-bazi tal-azzjoni kien ukoll ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mertu tal-kawza odjerna. Ghalhekk dan l-element wkoll gie sodisfatt.

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti se tilqa' l-eccezzjoni tar-*res judicata* mqajjma mill-konvenuti fir-rigward tar-raba', l-hames u s-sitt talbiet u cioe' l-mobbli kollha msemmija fil-kawza odjerna u l-garaxx u dan stante li jezisti l-gudikat fuqhom bis-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2000.

**Il-Hames eccezzjoni:**

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenuti eccepew li fejn jirrigwarda t-talbiet relatati ma' ghodod u magni u ghal sehem minn speedboat u van Astra skont il-konvenut dawn huma neboluzi u ghandhom jigu respinti.

Invista li r-raba', l-hames u s-sitt talbiet attrici gew dikjarati *res judicata* l-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala ezawrita.

**It-talbiet rimanenti u l-eccezzjonijiet:**

**L-Actio Pauliana:**

Illi l-kawza odjerna fir-rigward tal-allegazzjoni dwar l-appartament, kif hekk ukoll sostnut mill-istess attrici fit-trattazzjoni, hija dik tal-Actio Pauliana regolata bl-Artikolu 1144 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaqra kif isegwi:

> '(1) Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-benefiċċju tal-eskussjoni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt.
>
> (3) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu gratuwitu, biżżejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naħa tad-debitur.

> (4) L-azzjoni li tmiss lill-kredituri taħt dan l-artikolu ma tistax tiġi eżerċitata kontra minuri, ħlief sas-somma li minnha dawn ikunu kisbu qligħ, bla ħsara tal-jedd ta' kull azzjoni oħra li tista' tmisslill-kredituri kontra t-tutur li jkun ħa sehem fil-qerq.'

Illi gie ritenut minn **Torrente** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Privato** (Ottava Edizione, p. 455) illi sabiex tissussisti l-Actio Pauliana jridu jigu ppruvati t-tlett (3) elementi segwenti:

i. L-eventus damni;
ii. Il-consilium fraudis;
iii. Il-partecipatio fraudis.

Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Jannar, 1955 fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Calleja -vs- Carmelo Grima et** illi:

> 'L-azzjoni pawljana jew revokatorja hija moghtija lill-kredituri f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b'qerq mid-debituri taghhom bi hsara tad-drittijiet taghhom. Din l-azzjoni hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu.
>
> Ghall-esercizzju ta' din l-azzjoni hemm bzonn taz-zewg elementi, l-'eventus damni' u l-'consilium fraudis' u meta jkun jittratta minn att b'titolu oneruz, anke l-komplicita' tat-terz kontraent.
>
> Imma dan ir-rimedju ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunarjarji, imma wkoll lil kulhadd iehor li, meta jkun titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta' atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu.

Il-kreditu ghandu jkun anterjuri ghall-att impunjat bi frode; imma din ir-regola tigi eskluza meta l-att frawdolent ikun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri ...

L-'animus nocendi' mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att sejjer ikun lesiv ghall-kreditur ...'.

**i. L-eventus damni:**

Issa, l-'eventus damni' huwa sodisfatt bil-prova illi b'rizultat tal-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att jkun irrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.

L-awtur **Ricci** fil-ktieb tieghu **Corso di Diritto Civile** (p. 232 u p. 243) jikwalifika bhala pregudizzju:

'Il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall`atto compuito dal debitore, non puo` consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita` dei loro crediti'

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dottor Louis Cassar noe –vs- Vincent Pace et** deciza nhar il-15 ta' Ottubru, 2003 inghad illi:

'L-ewwel element dak tal-eventus damni jigi sodisfatt bil-prova li, rizultat tal-att li qed jigi impunjat, id-debitur ikun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att jkun irrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.

'Biex kreditur jithalla jintervjeni f'kuntratt li fih hu ma kienx parti fl-ewwel lok, jrid juri li b'rizultat ta' dak l-att impunjat, id-debitur tieghu sar insolvibbli" PA. Bugeja vs Terribile deciza 7 ta' Jannar 1936 – Vol.XXIX.II.866, vide wkoll, Prim Awla (TM) PL. Adrian Borg nomine vs Agostino sive Winston Carbone noe deciza 30 ta' Mejju 2002;

Illi inoltre 'id-duttrina u l-gurisprudenza pero' ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jesawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista', jekk irid, ixejjen l-azzjoni paoliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista' jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli" Qorti Kum. Hare vs Diacono deciza fid-29 ta` Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789.'

**ii. Il-consilium fraudis:**

Dwar dan l-element l-awtur **Butera** fil-ktieb tieghu **Azione Pauliana** jghallem illi:

'Chi contrattando con il debitore sa che il gestum, ossia il negozio giuridico, nuoce ai creditori, possiede la conscientia fraudis, e' conscius et fraudem participans.

…

Onde per la revoca dell'atto basta che ognuno dei due contraenti, singolarmente considerato, sappia che l'atto medesimo produce diminuzione di patrimonio del debitore, e quindi lesione del diritto dei creditori ... Ognuno di essi quindi deve sapere che l'atto rechera' pregudizio ai creditori; ma non e' detto che l'uno deve rispettivamente conoscere il disegno dell'altro'.

Hekk fid-decizjoni fl-ismijiet **Dr Louis Cassar Pullicino noe -vs- Vincent Pace et** deciza nhar il-15 ta' Ottubru, 2003 gie osservat dan:

> 'It-tieni element dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita' tad-debitur, u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur. Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghal presunzjoni ta l-intenzjoni frawdolenti ghax min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b'dan kollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett.
>
> Izda ghajr il-prova tax-xjenza tal-effetti tal-att da parti tad-debitur, il-ligi ma tirrikjedix prova ulterjuri da parti tal-kreditur.'

**iii. Il-partecipatio fraudis**

Dan l-element irid jigi ppruvat meta l-att ikun wiehed oneruz bhal fil-kaz prezenti. F'dan ir-rigward inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Chircop -vs- Mifsud et** deciza nhar il-25 ta' Jannar, 1954 illi jekk l-att huwa wiehed oneruz m'ghandiex biss tirrizulta l-frodi tad-debitur izda wkoll dak tat-terz kontraent:

> 'Bi frodi tat-terz akkwirent ghandu jiftiehem in-notizzja li dan kellu tal-istat tad-debitur, jigifieri x-xjenza lid-debitur, bl-att li kien sejjer jaghmel, kien se jirreka dannu lill-kreditur, sija billi d-debitur jirrendi ruhu insolvibbli, sija billi tizdied din l-insolvenza. Mela l-prova tal-fatt mhux tal-intenzjoni ghaliex l-intenzjoni li tirreka dannu mhix rekwizit tal-azzjoni.'

Illi permezz tar-raba' eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew illi l-azzjoni hija wahda irrita u nulla stante illi l-attrici qieghda titlob li jigi ddikjarat illi hija ghandha sehem mill-appartament Flat 6, 'Charnett Flats', Triq Ananija, San Pawl il-Bahar minghajr ma tittenta timpunja l-kuntratt relattiv tat-13 ta' April, 2010 fuq il-bazi ta' simulazzjoni.

**Applikazzjoni fil-mertu:**

Illi da parti taghha l-attrici ddikjarat li din l-azzjoni hija l-Actio Pauliana. Fit-trattazzjoni ta' nhar it-2 ta' April, 2019 id-difensur tal-attrici Dr Tonio Azzopardi fuq mistoqsija tal-Qorti ddikjara illi l-azzjoni odjerna fir-rigward tal-appartament hija dik Pauliana filwaqt li dik fuq l-oggetti mobbli hija azzjoni ta' qerq normali. Hekk qal:

> **'Il-Qorti :**
> Dr Azzopardi din hija action pauliana in parte zgur qed tifhem il-Qorti
>
> **Dr Tonio Azzopardi :**
> Iva iva hekk hu …
>
> **Il-Qorti :**
> Ghax kontra huh ukoll, hux hekk?
>
> **Dr Tonio Azzopardi :**
> Hekk hu hekk hu.
>
> **Il-Qorti :**
> Imma ghal rigward anke l-oggetti speedboat li semmejt jew l-appartament biss?

**Dr Tonio Azzopardi :**
Fuq kollox Sinjura Mhallef

**Il-Qorti :**
Fuq kollox … huh kien involut …

**Dr Tonio Azzopardi :**
Kollox pauliana 'l ghaliex.

**Il-Qorti :**
Skont inti qed tghid lhuh kien involut fil-kwistjoni ta' l-ispeedboat …

**Dr Tonio Azzopardi :**
Le ma kienx ma kienx, f'dawk le ma kienx involut le.

**Il-Qorti :**
Jigifieri l-actio pauliana hija zgur fuq …

**Dr Tonio Azzopardi :**
Hija limitata fuq …

**Il-Qorti :**
Fuq l-appartament

**Dr Tonio Azzopardi :**
…hija azzjoni normali ta' qerq. Fuq qerq. Mhux azione pauliana pura. Dik hija s-sitwazzjoni; kawza komplessa…'

Issa, jinghad li din il-parti tad-decizjoni ser tittratta unikament il-parti tal-appartament u dana stante li kif jirrizulta mill-paragrafi precedenti t-talbiet relatati mal-mobbli gew dikjarati *res judicata*.

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju bilfors trid taghmel referenza ghac-citazzjoni odjerna kif intavolata u tinnota li fl-ewwel lok fil-premessi tal-istess l-attrici tattakka l-kuntratt tat-13 ta' April, 2000 fejn difatti ssostni 'Billi l-appartament bl-isem "Charnett", numru sitta (6), Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, **ghalkemm gie formalment mixtri mill-konvenuti Michael u Vivienne mizzewgin Enriquez minghand Philip u Francesca Saveria Bigeni permezz ta' kuntratt notarili tat-13 ta' April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Ann Fenech Adami (Dok. "B"), fil-fatt gie mixtri u akkwistat mill-konvenut zewgha Francis Enriquez u dan qabel ma giet ippronunzjata s-separazzjoni personali** bejnu u l-istanti li sehhet b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000' (enfazi tal-Qorti) kif ukoll fejn inghad 'Billi l-attrici ghandha sehem minn dan il-fond…'.

Madanakollu t-talbiet kif imposti fic-citazzjoni odjerna ma jirriflettux dak premess u m'humiex sabiex tigi ordnata r-rexxisjoni tal-kuntratt tat-13 ta' April, 2000 pero' jitolbu biss li jigi dikjarat u deciz li l-attrici ghandha sehem mill-appartament numru sitta (6), Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, sabiex jigi likwidat is-sehem taghha mill-appartament u sabiex l-intimati jigu kkundannati jhallsu s-somma hekk likwidata. Ghall-ahjar intendiment din il-Qorti qieghda tikkwota mill-gdid it-talbiet relatati mal-appartament fejn jinghad illi:

> '1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici ghandha sehem mill-appartament bl-isem "Charnett", numru sitt (6), Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar, u dana ghar-raguni illi dan il-fond kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-

akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut zewgha Francis Enriquez izda li ma giex hekk inkluz minhabba f'qerq mahsub mill-konvenuti kollha bl-eccezzjoni tan-nisa tal-konvenuti.

2. Tillikwida sehem l-attrici minn dan l-appartament li kellu jigi inkluz fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom *in solidum* bejniethom biex ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta.'

Il-Qorti tirrileva li ma tistax din il-Qorti tiddikjara li l-attrici ghandha sehem mill-appartament bin-numru sitta (6), Block A, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar minghajr ma jigi attakkat l-kuntratt tat-13 ta' April, 2000 stante li z-zewg affarijiet huma kontraddittorji. Illi l-Artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car u ma jaghti lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni fejn huwa intiz sabiex jigu attakkati atti li jkunu maghmula b'qerq mid-debitur. Hekk jghid is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1144 illi: '*Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu…*' Fis-sub-artikoli 2 u 3 jispecifika x'inhuma dawn l-atti u cioe' jekk l-atti qarrieqa sarux b'atti oneruzi jew b'atti gratuwiti. In vista tal-gurisprudenza hawn fuq suesposta u stante li t-talbiet tal-attrici huma cari u kjarament ma jirrispekkjawx ruhhom f'dak li jitlob l-artikolu 1144 tal-Kap. 16, tant li anki l-Avukat tal-attrici waqt it-trattazzjoni tieghu ammetta li huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq kif dawn gew ifformulati, fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti hija legalment gustifikata u ghal din ir-raguni ser tghaddi sabiex tichad il-bqija tat-talbiet attrici.

Fic-cirkostanzi li r-raba' eccezzjoni ser tigi milqugha w'ghalhekk legalment tistultifika l-bqija tal-proceduri, l-Qorti tqis li jkun superfluwu li tidhol fil-mertu tal-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti u wkoll li tidhol f'ezami fil-mertu tad-deposizzjonijiet tal-partijiet u x-xhieda mressqa u cioe' dwar liema mill-partijiet qed tghid il-verita' jew le fil-proceduri odjerni in vista tal-verzjonijiet kompletament opposti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti ser tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti sorvolata;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti dwar l-interess guridiku tal-attrici;

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni dwar ir-*res judicata* in relazzjoni mat-talbiet attrici fuq l-oggetti mobbli u l-imsemmi garaxx stante li dawn il-kwistjonijiet gia gew kkunsidrati u decizi u llum huma *res judicata* permezz tas-sentenza ta' seprazzjoni personali bejn il-partijiet Sylvia Enriquez u l-konvenut Francis Enriquez;

4. Konsegwentement tiddikjara l-hames eccezzjoni tal-konvenuti bhala ezawrita.

5. Tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara l-azzjoni attrici kif mposta bhala *actio pauliana* bhala rrita u nulla stante li l-attrici naqset f'dawn il-proceduri li timpunja l-kuntratt relattiv ghall-appartament in kwistjoni datat 13 ta' April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dr Ann Fenech Adami;

6. Konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici salv ghall-ispejjez tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti stess.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar, 2020**